# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Novembru, 2001.**

**Kawza Numru: 2**

**Citaz. Nru. 2094/00GV**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**Sun Island Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' konvenuta ppremettiet illi hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbghat elef seba' mija u sittax-il Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,716.45) prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata fuq inkarigu taghha stess, skond *statement* hawn anness u mmarkat Dok. A;

Premess illi s-socjeta' konvenuta, minkejja li nterpellata thallas diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Awissu, 2000 baqghet inadempjenti;

Premess illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u li s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrici in vista tal-affidavit hawn anness u mmarkat Dok. X;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 tipprocedi ghas-sentena skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 *et sequentia* tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2 tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' erbghat elef seba' mija u sittax-il Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,716.45) prezz ta' merci lilha mibjugha u kkonsenjata fuq inkarigu taghha stess; u

3 Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghat elef seba' mija u sittax-il Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,716.45)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, tas-7 ta' Awissu, 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra' socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta

Rat li ma' saret l-ebda kontestazzjoni mis-socjeta' konvenuta;

Rat in-nota ta' riduzzjoni ghall-ammont ta' elfejn, tlett mija tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,363.68);

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba kif ridotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata

Fil-kontumacja s-socjeta' konvenuta iddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghall-ammont ta' elfejn, tlett mija tlieta u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,363.68), bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**